MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 392/2002/1

**Avviz numru 392/02DM**

**Marius Vella**

**Vs**

**Nicholas Stivala**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, sabiex ihallas s-somma ta' elf, disa' mija u hamsa u erbghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,945.83) jew somma verjuri rappresentanti danni sofferti f'vettura proprjeta' ta' l-attur minhabba incident awtomobilistiku li sehh nhar il-5 ta' Frar, 2002, gewwa Vjal il-Labour, Rahal il-Gdid bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni HAI-265 misjuqa mill-attur, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni NIC-777 misjuqa mill-konvenut liema ncident sehh unikament minhabba negligenza,

imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjez u bl-imghax u l-konvenut minn issa gie ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:
1. It-talba tal-attur ghandha tkun michuda stante li l-incident stradali meritu ta' din il-kawza ma sehhx htija tal-eccipjent, izda gara tort tal-attur inniffsu.
2. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizjoni li grat fil-5 ta' Frar, 2002, bejn il-vettura HAI-265 misjuqa mill-attur u l-vettura NIC-777 misjuqa mill-konvenut.

Jirrizulta li dawn il-vetturi habtu fl-inkrocju li hemm fi Vjal il-Labour, Paola ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta' filghodu (2.45am) u, billi fil-post tal-kollizjoni kien hemm id-dwal tat-traffiku biex jiggwidaw l-iskorriment ta' l-istess traffiku, jirrizulta illi l-habta grat esklussivament ghaliex wiehed mis-sewwieqa kontendenti qasam l-inkrocju meta t-'traffic lights' ghalih kienu qed jindikaw ahmar u kien prekluz milli jaqsam.

Ghalkemm iz-zewg sewwieqa, kemm ma' l-ufficjal li nvestiga l-kaz kif ukoll fid-deposizzjoni li taw quddiem il-Qorti, allegaw illi kull wiehed kellu d-dawl ahdar ghalih, haga li ma hijiex possibbli, il-Qorti trid tara liema wahda minn dawn il-verzjonijiet hija l-iktar kredibbli biex tistabbillixxi r-responsabbilita' ghall-kollizjoni f'din il-kwistjoni.

Minn naha ta' l-attur, apparti d-deposizzjoni preciza b'indikazzjoni ukoll illi kien anke lemah lill-konvenut gej minn fuq in-naha tax-xellug tieghu, huwa kkoroborat minn Emanuel Leenhouts, li kien rikeb mieghu dakinhar, li minn naha tieghu kkonferma wkoll illi d-dwal definittivament kienu qed juru ahdar ghalihom u kien is-sewwieq l-iehor illi qasam it-'traffic lights' meta kien prekluz.

Izda minn naha l-ohra, fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti, l-konvenut ma kienx daqstant cert illi d-dwal ghalih kienu qed jixhelu kulur ahdar, infatti d-dikjarazzjoni tieghu giet ikkwalifikatat bil-kliem 'sa fejn naf jien'.

Inoltre mill-kumplament tad-deposizzjoni tieghu, illi ma gietx ikkorroborata minn min kien riekeb mieghu, jirrizultaw diversi ncertezzi u ndecizjonijiet illi b'ebda mod ma jaghtu affidabilita' ghall-verzjoni tieghu.

Infatti apparti illi jikkwalifika d-dikjarazzjoni dwar il-kulur tal-'lights' bil-kliem 'sa fejn naf jien', jirrizulta illi ghalkemm waqaf mall-habta huwa njora totalment il-vettura ta' l-attur anzi ddikjara illi ghalkemm hares, ma setghax jara fejn kienet u pprova jiggustifika dan  l-agir tieghu billi allega illi kellu jiehu wiehed mill-passiggieri tieghu l-isptar pero' irrizulta sussegwentement illi l-ebda wiehed mill-passigieri li kellu mieghu ma ttiehed l-isptar.

Ukoll il-konvenut ddikjara illi, ghalkemm huwa waqaf wara l-habta, b'ebda mod ma nduna illi kien tilef il-'bumper' ta' quddiem bin-'number plate' b'kollox vicin it-'traffic island' u li kien vizibli ghal min kien interessat.

Ghandu jinghad ukoll illi meta l-passiggier, li kellu mieghu l-konvenut, tkellem ma' l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga l-kaz, PS 1439 John Tabone, dan l-ufficjal seta' jikkonstata illi dan il-passigier ma kellu ebda ndikazzjoni ta' feriti li seta' sofra fil-kollizjoni u li l-istess passiggier kien ikkonferma ma' l-istess ufficjal illi huwa b'ebda mod ma ried li jittiehed l-isptar.

Ghaldaqstant il-Qorti m'ghandiex ezitazzjoni li tiddikjara illi effettivament il-verzjoni ta' l-attur li hija l-unika wahda

kredibbli u ghaldaqstant, filwaqt li tiskarta l-verzjoni kif mghotija mill-konvenut, qieghda tistabbilixxi illi kien effettivament il-konvenut illi bi traskuragni estrema u nuqqas ta’ prudenza huwa qasam il-karreggjata li kien qed juza l-attur meta kien prekluz u b’hekk ghandu jigi ritenut esklussivament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u ghad-danni illi huwa kkawza.

Kif jirrizulta mid-depozizzjoni ta’ l-istess attur kif inhi sorretta mill-ircevuti kollha relattivi, il-Qorti ssib illi l-ammont ta’ elf, disa’ mija u hamsa u erbghin liri Maltin u tlieta u tmenin centezmu (Lm1,945.83) bhala danni li soffriet il-vettura ta’ l-attur huwa ampjament gustifikat u konsegwentement, filwqat li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenut, qieghda tilqa’ it-talbiet attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz qieghda tiddikjara li l-konvenut hu unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwistjoni u konsegwentement qieghda tikkundannah ihallas in linea ta’ danni lill-attur is-somma mitluba ta’ elf, disa’ mija, hamsa u erbghin lira Maltin u tlieta u tmenin centezmu(Lm1,945.83), bl-imghaxijiet legali b’effett mill-11 ta’ Gunju, 2002.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------